MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2012

Avviz Numru. 407/2011

**Il-Fajsu Company Limited (C-37598)**

**Vs**

**F.G.S. Construction Limited (C-17794)**

## Il-Qorti,

Rat l-Avviz ipprezentat mis-socjetà Il-Fajsu Company Limited fl-14 ta' Dicembru 2011 permezz ta' liema titlob li s-socjetà F.G.S. Construction Limited tigi ikkundannata thallasha s-somma ta' tmint elef tliet mija u tmienja u hamsin Euro u wiehed u tletin centezmu (€8,358.31), rapprezentanti materjal uzat fil-bini mibjugh u konsenjat lis-socjetà F.G.S. Construction Limited, bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja datata 24 ta' Novembru 2011 u tal-Mandat ta' Sekwestru bin-Numru 3524/11 ipprezentat kontestwalment mal-Avviz, u bl-imghax legali dekoribbli mid-data tal-konsenja sad-data ta' l-effettiv pagament, kontra s-socjetà F.G.S. Construction Limited;

Rat id-dokument anness ma' l-Avviz markat Dok. "A" a fol. 2 tal-process;

Rat illi s-socjeta' konvenuta giet notifikata bl-Avviz u bl-avviz tas-smigh permezz tal-procedura ta' l-affissjoni u pubblikazzjoni ai termini ta' l-Artikolu 187(5) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, izda naqset milli tipprezenta Risposta ghat-talbiet attrici u lanqas dehret ghas-seduti ffissati mill-Qorti;

Rat il-Kapitolu pprezentat mis-socjetà attrici fil-konfront tas-socjetà konvenuta fit-8 ta' Ottubru 2012;

Semghet ix-xhieda ta' Rita Caruana moghtija waqt is-seduta tat-8 ta' Ottubru 2012;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bl-azzjoni odjerna s-socjeta' attrici titlob li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallasha s-somma ta' tmint elef tliet mija u tmienja u hamsin Euro u wiehed u tletin centezmu (€8,358.31), rapprezentanti materjal uzat fil-bini mibjugh u ikkonsenjat lilha.

Is-socjeta' konvenuta ghalkemm debitament notifikata bl-Avviz u bl-avviz tas-smigh bil-procedura ta' l-affissjoni u pubblikazzjoni ai termini ta' l-Artikolu 187(5) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, ma pprezentatx Risposta in opposizzjoni ghat-talba attrici u ma deheritx biex tirrispondi ghall-Kapitolu pprezentat fil-konfront taghha mis-socjetà attrici. Il-Kapitolu ipprezentat fil-konfront taghha ghalhekk qed jittiehed bhala mistqarr.

Rita Caruana, prodotta mis-socjetà attrici, ikkonfermat li l-ammont mitlub mis-socjetà attrici b'dawn il-proceduri ghadu kollu dovut mis-socjetà konvenuta.

Il-Qorti ghalhekk hija sodisfatta li l-ammont pretiz mis-socjetà attrici huwa dovut lilha mis-socjeta' konvenuta u li t-talba taghha ghall-hlas hija gustifikata.

Ghal dan ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjetà attrici s-somma ta' €8,358.31, bl-imghax dekoribbli mid-data tal-konsenja tal-materjal sad-data ta' l-effettiv pagament.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru bin-Numru 3524/11 ipprezentat kontestwalment ma' l-Avviz jibqghu a karigu tas-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------